DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI .....................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

**ANESTESIJA**

*4 DRAMMI – p.16 (M)*

## BUFFU

**ARAW, SINJURI! ARAW LIL ARGO.**

Araw, Sinjuri! Araw lil Argo li sparat minn kanun jintbagħat jofroq l-ispazju u l-baħħ biex forsi jinżel ukoll fuq il-qamar!

Araw lil Esmeralda, il-Mara Ħoxna bil-Baffi li tiekol kemm tiekol ma tixba' qatt! Il-Fakir Krixna, ix-xwejjaħ li jgħaddi għomru fuq sodda msiemer u xfafar – bla qatt ma jiekol! U araw lill-inkredibbli Carlos Chè jitfa' s-skieken madwar bintu – b'għajnejh imgħammdin il-ħin kollu! Il-Professur Leikus u t-tliet pappagalli tiegħu, jitkellmu b'ħamest ilsna bla qatt ma jaslu biex jiftiehmu! U dak mhux kollox, Sinjuri! Araw lil Odongo l-Iswed, hekk imsejjaħ "L-Imxekkel", li marbut minn rasu sa saqajh bil-ktajjen, xorta waħda jinħall!

*Iż-żuffjett tal-folla fl-aqwa tiegħu.*

Iva, Sinjuri! Araw ukoll l-aktar spettaklu sensazzjonali tas-seklu għoxrin! Araw lili – Beppo l-Buffu! Iva, Beppo l-Buffu, li meta jiftaħ ħalqu jwaqqa' t-tinda l-kbira bid-daħk!

Jien – Beppo! Li meta naqla' fuq dahri u tkaxkarni n-nies fit-trab, tidħak in-nies, imma għaġeb tal-għeġubijiet, nidħak jien ukoll! Iva, saffru u idħku! Għax issa ġejjin huma – ġejjin Naga u Ħiro – l-iljuni, Sinjuri!

L-iljuni feroċi mill-muntanji tar-Rockies u tal-iSteppi, il-biża' ta' ħames kontinenti – Naga u Ħiro, immansati *(jidħak)* – immansati, Sinjuri! – min-Nanu Argo, hekk imsejjaħ "Il-Murtal"!

*Jidħak, iżda malajr jintebaħ bis-sikta li issa waqgħet fuq il-folla.*

*Jieqaf mid-daħk.*

X'ġara? Għaliex dil-ħemda? Ma smajtunix? Għedtilkom qed taraw lil Naga u Ħiro; ċapċpulhom! *(<206)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** .................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..................................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p. 8